

# 1 Riħa ta' festin fl-arja

X'riħa tfuħ haw' għand Lisa llejla! "Qed inxomm riħa taqsam ta' misteru ħelu." Immexxija minn imneħirha, Lisa ġriet mill-kamra tagħha dritt sat-taraġ.

Iż-żewġ sulari niżlithom sparata u



daħlet fil-kċina fejn laqgħetha riħa ħelwa taqsamlek qalbek ta' butir maħlul, zokkor u vanilla.

"Ma! Mela għamilt kejk taċ-ċikkulata?!" bdiet tgħajjat ferħana.

"Iva. Kejk għalik bħala deżerta … Jien u l-papà sejrin it-teatru. Se tieħu ħsiebek is-Sinjura Ortensja llejla."

U b'subagħha ppuntatilha lejn mara qsajra, tonda u smina, qisha pasta fil-vetrina għand tal-ħelu.

"Tkunx żaqqieqa, tikolx iżżejjed mill-kejk."

"Jien qatt ma nkun żaqqieqa …" gemgmet Lisa. Il-mamà dawret m'għonqha xalpa ħoxna tas-suf, u l-papà tefa' l-kappell forma ta' skutella fuq rasu. It-tnejn li huma telqu bil-karozza lejn it-teatru.

Ortensja qabdet lil Lisa minn idha u ħaditha taqra ktieb fuq is-sufan, fir-rokna bejn il-fuklar u l-qattus sufi li kien jgħix magħhom. Imbagħad